31996D0609

22.10.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 269/37

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Ottubru, 1996

li tistabbilixxi kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li ġejjin mill-Kosta ta' l-Ivorju

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(96/609/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEW,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabilixxi l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 Lulju, 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tpoġġija fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendat mid-Direttiva 95/71/KE [2] huma rispettati, u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta' esperti tal-Kummissjoni żamm vista ta' spezzjoni fil-Kosta ta' l-Ivorju sabiex jivverifika l-kondizzjonijiet li taħthom prodotti tas-sajd huma prodotti, *maħduma* maħżuna u mqassma lill-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-legislazzjoni tal-Kosta ta' l-Ivorju dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u *monitar* ta' prodotti tas-sajd jistgħu jiġu kunsidrati ekwivalenti għal dawk mniżżla fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-"Ministère de l'Agriculture et des Ressources Animales Direction — Générale des Ressources Animales (MARA-DGRA)" fil-Kosta ta' l-Ivorju hija kapaċi li tivverifika *effettivament* l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura sabiex jinkiseb ċertifikat tas-saħħa li hemm riferenza għalih fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jkopri wkoll id-definizjoni ta' ċertifikat ta' mudell, ir-rekwiżiti *il-bżonnijiet* minimi dwar il-lingwa(i) li fih irid ikun abbozzat *preparat* u l-grad tal-persuna li għandu l-jedd li jiffirmah;

Billi, skond l-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha titwaħħal marka mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd, li turi l-isem tat-tielet pajjiż u n-numru tal- approvazzjoni ta' l-istabbiliment minn fejn oriġina;

Billi, skond l-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' stabbilmenti approvati għandha tinkiteb; fejn dik il-lista għandha tinkiteb fuq bażi ta' komunikazzjoni mill-MARA-DGRA għall-Kummissjoni; billi mbgħad il-MARA-DGRA għandha tassigura konformità mad- dispożizzjonijiet stabbiliti *f'dak is-sens* ma' l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-MARA-DGRA pprovdiet assikurazjonijiet uffiċjali dwar konformità mar-regolamenti *mfassla* fil-Kapitolu V tal-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar it-twettiq ta' ħtigiet ekwivalenti għall-dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni ta' stabbilmenti;

Billi l-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADDOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-"Ministère de l'Agriculture et des Ressources Animales — Direction Générale des Ressources Animales (MARA-DGRA)" hu rikonoxxut bħala l-awtorità kompetenti fil-Kosta ta' l-Ivorju għall-verifikazzjoni u ċertifikazzjoni ta' prodotti tas-sajd li jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u u akwakultura li ġejjin mill-Kosta ta' l-Ivorju għandhom *isegwu* l-kondizjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali tas-saħħa numerat, li għandu jkun komplut, iffirmat, datat u jkun fih paġna waħda skond il-mudell imfassal fl-Anness A tiegħu;

2. il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati *kif miktuba* fl-Anness B miegħu;

3. barra mill-każ ta' prodotti tas-sajd friżati *f'daqqa'* u maħsuba *ntiżi* għall-fabrikazzjoni *manifattura* ta' ikel ippreservat, il-pakketti kollha għandu jkollhom il-kelma Kosta ta' l-Ivorju u n-numru ta' approvazzjoni tal-istabbilment ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat li hemm riferenza għalih fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 għandu jinkiteb mill-inqas f'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istat Membru fejn isiru *l-verifiki*.

2. Iċ-ċertifikat għandu jkollu l-isem, pis u firma tar-rappreżentant tal-Ministère de l'Agriculture et des Ressources Animales — Direction Générale des Ressources Animales (MARA-DGRA) u timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak tal-indikazzjonijiet l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 40.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi' Brussel, fl-14 ta' Ottubru, 1996.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd jew akwakultura li ġejjin mill-Kosta ta' l-Ivorju u intenzjonati għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea bl-eċċezzjoni ta' molluski bivalvi, echinoderms, tonka u gastropods tal-baħar f'kull forma

Nru ta'Referenza: .....

Pajjiż lejn fejn sejrin: IL-KOSTA TA' L-IVORJU

Awtoritá kompetenti: 'MINSISTERE DE L'AGRICULTURE ET DES RESSOURCES ANIMALES — DIRECTION GENERALE DES RESSOURCES ANIMALES (MARA-DGRA)'

I. **Dettajli li jidentifikaw il-prodotti**

Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd jew akwakultura (1):

— speċi (isem xjentifiku): .....

— presentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (fejn provdut): .....

Tip ta' ppakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Piż nett: .....

Ħażna mehtieġa u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Ismijiet u numri uffiċjali ta' approvazzjoni ta' stabbilimenti approvati mill-MARA-DGRA għall- esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea:

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti tas-sajd jew akwakultura huma mibgħuta (1)

Mill-: .....

(post minn fejn ġejjin) intbagħtu

intbagħtu għall-: .....

(pajjiż jew post ta'destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport segwenti: .....

Isem u ndirizz ta' min bagħthom: .....

.....

.....

Isem il-konsinnatarju w indirizz tal-post fejn iridu jmorru: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn m'hux applikabbli.
(2) Ħajjin, refriġerati, friżati, *melħin*, iffumigati, priservati, eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u meħuda abbord bastimenti skond ir-regolamenti tas-saħħa stabbiliti mid- Direttiva 92/48/KEE;
2. kienu mniżżla l-art, maqbuda u fejn xieraq ippakjati, preparati, processati, iffriżati, imdewba, u maħżuna iġenikament skond il-ħtigiet stabbiliti fil-Kapitoli II, III u IV tl-Anness għad- Direttiva 91/493/KEE;
3. għaddew minn kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V tal-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;
4. huma ppakkjati, mmarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII tal- L-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE;
5. mhux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li jikkontjenu biotossiċi;
6. li sodisfacentement ikunu għaddew l-eżamijiet organopletiċi, parassitoloġiċu, kemikali u mikrobioloġiċi stabbiliti għall-ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tagħha;

L-ispettur uffiċjali hawn taħt iffirmat hawnhekk jiddikjara li hu konxju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi 91/493/KEE u 92/48/KEE.

Magħmul fi ....., 7 .....
(post) (data)

Siġill Uffiċjali (1)

.....
(Firma tal-ispettur uffiċjali) (1)

.....
isem b'ittri kbar, kapaċita u kwalifikazzjonijiet tal- persuna li qed tiffirma) (1)

(1) Il-kulur tat-timbru u firma iridu jkunu differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-Anness B

LISTA TA' STABBILIMENTI

Numru ta' Approvazzjoni	Stabbiliment	Indirizz	Limitu ta' Approvazzjoni
100 PP	SOCIETE DES CONSERVES DE COTE D'IVOIRE (SCODI)	ABIDJAN 01	31.12.1997
101 PP	SOCIETE IVOIRIENNE DE TRANSFORMATION DE THONS TROPICAUX (SI3T)	ABIDJAN 01	31.12.1997
102 PP	SOCIETE IVOIRIENNE DE FROID (SIFROID)	ABIDJAN 01	31.12.1997
110 PP	PECHE ET FROID COTED'IVOIRE (PFCI)	ABIDJAN 01	31.12.1997
120 PP	CONSERVES INTERNATIONALES DI COTE D'IVOIRE (CIDCI)	ABIDJAN 15	31.12.1997
140 PP	PECHAZUR S.A	ABIDJAN 01	31.12.1997
150 PP	SOCIETE DE PECHE ABIDJANAISE (SOPA)	ABIDJAN 04	31.12.1997
260 PP	CRUSTACES ET POISSONS DE COTE D'IVOIRE (CPCI)	ABIDJAN 07	31.12.1997
300PP	GOMON EXOTIQUE	ABIDJAN 01	31.12.1997
380 PP	IVOIRE CRUSTACES (IVOCRUS)	ABIDJAN 07	31.12.1997
390 PP	BERTRAND PRODUITS EXPORT (B.P.E)	ABIDJAN08	31.12.1997